**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 4 ta' Lulju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**-vs-**
**Giuseppe Demicoli, iben Paul u Rose nee` Mallia, imwieled Żejtun nhar it-30 ta' April, 1955, residenti 36, Triq il-Ġibja Rumana, Żejtun, u detentur tal-Karta tal-Identita` numru 380955M;**

**Pawlu Piscopo, iben Giovanni u Maria nee` Vella, imwieled Marsaxlokk, nhar it-8 ta' Frar, 1962, residenti 29, Beata Mater, Triq il-Luzzu, Marsaxlokk, u detentur tal-Karta tal-Identita` numru 141162M;**

**Carmelo Bugeja, iben Giuseppe u Carmela nee` Magro, imwieled Marsaxlokk, nhar l-10 ta' Jannar, 1953, residenti ġewwa 52, San Ġużepp, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk, u detentur tal-Karta tal-Identita` numru 60053M.**

***Kumpilazzjoni Nru. 1243/2014***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Giuseppe Demicoli, Pawlu Piscopo u Carmelo Bugeja talli:

B'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħda f'diversi dati, postijiet u ħinijiet differenti f'dawn il-Gżejjer, f'isimhom propja u bħala korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk persuna ġuridika jew le, talli bħala persuna li f'ħin ta' l-għemil tar-reat, kienu diretturi, managers, segretarji jew ufficjali oħra simili tal-korp, għaqda jew kienu jidhru li qed jaġixxu f'dik il-kariga matul il-perjodu ta' bejn il-5 ta' Ġunju, 2013, u s-snin ta' qabel din id-data u f'ħinijiet differenti u b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-fond sitwat 150, Koperattiva tas-Sajd, Xatt is-Sajjied, Marsaxlokk:

1. B'mezzi qarrieqa li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl, tal-kwantita`, meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u ikkommettew serq ta' dawl elettriku ikkwalifikat bil-hin, mezz, lok kif ukoll bil-valur li jiskorri d-disa' mija u mitejn ewro u hamsa u tmenin ċenteżmu (€926.85c) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;

2. Fl-istess data, hin, lok u ċirkostanza volontarjament għamlu hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku, jew ikkagunaw it-telf tal-kurrent elettriku.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-1 t'April, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 18, 261(b), (c), (e), (f), 263(a), 264(2), 267, 269(d), 270, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 18 u 326(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

---
[1] Fol.200

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2013 u fis-snin ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fis-26 ta' Jannar, 2016.

Illi l-ispettur **Carol Fabri** spjegat kif kien sar rapport – li mill-Current Incident Report jirrizulta sar minn Piscopo u Demicoli wara li dawn kienu gew infurmati mill-ARMS li suppost ma kienx hemm provvista ta' dawl fil-post kkoncernat[2] - dwar serq ta' dawl minn certu Angelic Mifsud. **Alan Chetcuti** wara li pprezenta kwerela mill-Enemalta, xehed li l-ammont ta' konsum mhux registrat kien ta' €684.42 li hu l-ammont kalkolat miz-zmien li kien inqata' d-dawl lil dan il-fond u cioe` fid-29 ta' Novembru 2012.[3]

Illi **Carmelo Bugeja** meta interrogat spjega li kien serva f'diversi karigi fil-Koperattiva tas-Sajd ta' Marsaxlokk bl-ahhar inkarigu jkun dak ta' segretarju. Jishaq li tul iz-zmien li kien serva ta' segretarju il-kontijiet td-dawl kienu jithallsu regolarment. Spjega li gewwa l-ufficini tal-koperattiva kien hemm zewg meters tad-dawl, fejn il-koperattiva kienet taghmel uzu mill-meter ta' fuq u isfel kien hemm meter iehor li kien jaqdi lil Angelo Mifsud. Ghalkemm l-arlogg tad-dawl tal-koperattiva kien maqtugh Piscopo infurmah li dawl kien qed jittiehed minghand Mifsud.[4] Meta l-kontijiet ma bdewx jithallsu Mifsud u Piscopo kienu gabu cekk ta' €30,000 mill-ministeru tas-sajd biex jithallas id-dawl izda dawl baqa' ma thallasx u l-provvista baqghet ma nghatatx.[5] Sar jaf li kien qed isir serq ta' dawl fl-4 ta' Gunju 2013 minghand Demicoli wara li fuq il-post saret spezzjoni mill-Enemalta fil-presenza tal-Pulizija. Kompla li kien sar ftehim ma Mifsud fejn kien l-istess Mifsud li kien responsabbli mill-hlas tal-kontijiet tad-dawl, kemm tieghu kif ukoll dak ta-koperattiva.[6] Meta Mifsud waqaf ihallas l-provvista tnehhiet izda wara li Mifsud beda jhallas il-kontijiet il-provvista inghatat lilu; lill-koperattiva *"Lilna fuq qatt ma tawilna u ghada hekk sal-lum"*. Jghid li dawl ftit sieghat

[2] Fol.90 et seq.
[3] Vide fol.137
[4] Fol.17
[5] Ibid.
[6] Fol.18

ghamel maqtugh ghax il-provvista regghet giet lura.[7] Ikompli jispejga li ghalkemm kien hemm fergha gejja mill-meter ta' Mifsud lejn il-meter tal-koperativa *"Pero mhux misruq, fergha minghand Angelic ghal dik tal-koperativa"*. Ghalkemm kien ilu li spicca minn segreatraju il-meter tad-dawl baqa registrat fuq ismu u sahanasitra kien jircevi kontijiet tad-dawl fuq l-indirizz residenzjali tieghu. Ikkonferma li meta kienu jkunu f'laqghat tal-kumitat ta' sikwiet mar id-dawl izda <u>kienu jinzlu ghand Mifsud u dan kien jerga' jixghel id-dawl</u>.[8]

Illi **Giuseppe Demicoli**, fiz-zmien President tal-Koperattiva, ukoll irilaxxa stqarrija u spjega kif fl-4 ta' Gunju, 2013, flimkien ma Piscopo ghamel rapport li fil-koperattiva kien qed isir serq ta' dawl. Spjega kif meta lahaq President u ra li Mifsud ma kienx qed jonora l-ftehim milhuq u naqas milli jhallas il-kera, rrikorra ghand avukat. Fil-mori tal-proceduri civili wasslet ittra mill-Arms ghand il-koperattiva minn fejn irrizulta li Mifsud kien iddikjara mal-Arms li kien segretarju tal-koperattiva u dawwar l-indirizz fuq id-dar residenzjali tieghu. Ghalhekk sar rapport mal-Iskwadra kontra l-frodi.[9] Kien gie deciz li ssir surprise visit il-koperativa flimkien mal-pulizija u l-ememalta u nstab li kien qed isir serq. Spjega li l-meter ta' fuq fl-ufficju tal-koperattiva, kien tnehhitlu l-provvista tad-dawl fuq talba ta' Mifsud u fuqu kien ghad hemm pendenti kont ta' €16,000. L-ufficju rega' ittiehed lura ghand il-koperattiva xi sena u nofs qabel (fl-2012 circa) *"Ahna hadnieh bil-provvista maqtugha, <u>pero provista ta' dawl ahna kellna ghax kien itina minn isfel, jigifieri mill-meter l-iehor li hemm isfel.</u> Tant hu hekk li wara r-rapport qata' l-provvista kollha ghal dan l-ufficju u fil-fatt ktibnilu bl-avukat"*.[10] Demicoli jkompli li skond il-ftehim d-dawl kellu jithallas minn Mifsud li kien installa freezers airconditioners u taghmir iehor relattat mal-ipprocessar tal-hut. <u>L-uniku access ghal bejt kien mbarrad</u> izda meta saret l-ispezzjoni mill-Enemalta sab li l-istanga tnehhiet u dwar dan infurmaw il-pulizija *"kieku kont naf li kien qed jigri hekk jigifieri serq ta' dawl bhala President responsabbli kont nigi qabel naghmel ir-rapport, bhal ma ghamilt meta ftahltlu kawza sabiex nigbor dak kollu dovut mill-koperattiva."*. Zied li <u>meta kien imur id-dawl l-iskrivan kien jghid lil Mifsud u dan kien jixhel id-dawl</u>. *"Dan kull meta kien imur biss"*.[11]

---

[7] Ibid.
[8] Fol.19-20
[9] Fol.24
[10] Fol.25
[11] Fol.26

Demicoli imbghad josserva li wara li l-binja inkriet lil Mifsud kien l-istess Mifsud li ha hsieb jaghmel l-installazzjoni tad-dawl u l-kumitat *"qatt ma fixkilnih milli jizviluppa l-premises."*. Il-meter li kien fil-kamra tal-kumitat kien jaqra' *nil* ghax Mifsud kien qatghu hu fiz-zmien meta l-kumitat ma kellux il-pussess tal-kamra, u meta regghu bdew juzawha (xi sena u nofs qabel) dan thalla kif kien. **Jiddikjara li kien biss dakinhar tal-ispezzjoni li sar jaf li kien qed isir serq tad-dawl minn Mifsud u anke meta ghamlu r-rapport lanqas kienu certi li fil-fatt qed isir is-serq**. Demicoli hu cjar u elokwenti meta jispjega il-binja tal-koperattiva kif kienet mqassma minn fejn jirrizulta li l-kumitat kien juza t-tieni sular u cioe` l-parti ta' fuq fejn *inter alia* hemm l-ufficini tal-koperattiva (izda wiehed biss jintuza) u s-sala fejn jiltaqa' l-kumitat.[12] Mill-banda l-ohra Mifsud kellu l-parti t'isfel, li nghatatlu skond il-ftehim, u l-bejt fejn hemm il-kompressuri l-kbar ghall-freezers isfel ta' Mifsud kif ukoll il-magna tas-silg li tipprovdi silg lil Mifsud. **Access ghall-bejt mill-ufficini tal-kumitat kien gie mbarrat minn Mifsud;** baqa' access iehor minn isfel li jibqa' jaghti ghal-fuq. *"Ghal bejt fejn hemm dak il-bieb imbarrat ma ghandnix access u lanqas ghal isfel…nidhlu mill-hanut u mit-tieni sular li jigi mat-triq li taghti ghat-torri."*[13] Jinnega li l-kumitat kellu access ghal meter fil-parti ta' Mifsud. Itenni li kontijiet l-koperattiva ma bdietx tircevihom ghax Mifsud kien mar ghand l-ARMS Ltd u qal li kien hu s-segreatrju u l-kontijiet beda jircevihom id-dar *"biex ahna ma nkunux nafu x'inhu ghaddej. U kienet b'kumbinazzjoni li giet dik il-karta fejn kien iddikjarat huwa bhala s-Segretarju tal-Koperattiva. Tant hu hekk li meta giet f'idejn l-ittra tajniha mill-ewwel lil avukata u anke giet pprezentata quddiem l-Imhallef Ellul bhala evidenza. Ukoll konna morna ghand tal-Frodi"*.[14]

Illi **Pawlu Piscopo** wkoll rrilaxxa stqarrija w kkonferma li ghalkemm hu kien ilu segretarju tal-koperattiva ghal sitt snin f'xi zmien fl-2012 rcevew l-ittra bi zball minn fejn irrejalizzaw li l-kontijiet tad-dawl ma kienux qed jithallsu w li Mifsud dahal fi ftehim mal-Arms Ltd. bhala segretarju meta kien Piscopo s-segretarju. Cempel lil UHM u rrizulta li lanqas dak il-ftehim mal-Arms ma gie onorat. Ghamlu zmien jaraw jekk il-kontijiet thallsux sakemm infethet kawza civili kontra Mifsud rigward ksur tal-ftehim. Konsegwneza tal-kawza civili giet sekwetrata d-dar ta' Mifsud u

[12] Fol.27-28
[13] Fol.27
[14] Fol.28

c-cwievet tal-Koperattiva gew ritornati lil Piscopo. Dak li kellu Mifsud kien ftehim biex jopera mill-binja tal-koperattiva. Fattur li jincidi fuq id-diligenza ezercitata minn Piscopo (u anke minn Demicoli galadarba agixxew flimkien fil-kapacitajiet taghhom rispettivi fil-Kumitat) hu dak li ghamlu meta bdew jissuspettaw hazin *"Li ccekjajna kien li s-sigilli tal-arlogg kienu tajbin, min-naha l-ohra, jigifieri* ***min-naha tal-bejt ma kellniex access biex nitilghu ghax hemm l-istanga u jien ma nafx ghalfejn [din] l-istanga*** *Angelic, u dan anke il-Pulizija rawha. Ghax meta tinsel isfel huwa ghandu l-cameras u dan jidher kollox. Ahna qatt ma seta' jkollna access ghal bejt biex naraw x'hemm."*. Mistoqsi jispejga kif minn arblu tad-dawl li hemm mal-hajt tal-Koperattiva fergha kienet taghti ghall-ufficju u ohra ghall-bejt meta dawn suppost kienu ferghat mejta iwiegeb *"ma kellniex access li nkun naf li suppost kelniex dawl jew le….Jiena ma kontx naf li l-Koperativa ma kellhiex access ghad-dawl, sakemm gew tal-Enemalta u qalu li zzewg ferghat suppost mejta."*[15]

Piscopo jikkonferma li meta l-ufficju kien jispiccca bla dawl Dylan Degabriele kien icemepl lil Mifsud u minn barra l-ufficju Mifsud kien jerga' jixghel id-dawl. Jirrizulta li fil-bidu Mifsud kien juza l-ufficju fit-tieni sular – fejn hemm it-tieni meter - li sussegwentement meta ma zammx mal-ftehim rega' ttiehed lura mill-Kumitat. Is-sular ma triq il-Kavallerizza hu tal-Koperattiva li ghalih Mifsud ma ghandhux access.[16] Jichad li kellhom access ghal meter ta' Mifsud *"u lanqas sal-lum ma ghandna access mal-arblu ghall-koperattiva…. Il-meter taghna kull ma ghandu huwa wire li jaghti access ghal barra."*. Jerga' jispjega li kien hemm xi 3 snin meta Mifsud kien juza l-ufficju ghalih meta l-membri tal-Koperattiva ma kellhomx access ghal dak l-ufficju ghax kien jaghqlu. Itenni *"Ahna li qed nuzaw l-ufficju ta' fuq, ghax il-bejt huwa gahndu access dirett u ghalkemm hemm il-bieb imbarrat xorta ma ghandniex ghalfejn nitilghu fuq il-bejt."*[17]

Illi gie esebit Ftehim iffrimat fl-2008 u li kellu terminu ta' ghaxar snin fejn fil-Para.8 intestat *'Utilities'* l-operatur Mifsud qed jintrabat li jhallas inter alia d-dawl u l-ilma[18] kif dejjem ssostnew l-imputati.

Illi **Michael George Cini**, *foreman* mal-Enemalta, xehed kif saret spezzjoni fil-post tal-Koperattiva tas-Sajd. *"Sibna ufficcju minn naha ta'*

[15] Fol.32
[16] Fol.33
[17] Fol.35
[18] Fol.111

*quddiem sibna bieb u sibna bieb iehor minn naha ta' wara ghax il-post kien kbir hafna. ... minn naha tal-ufficcju ... X'hin dhalna gewwa ahna ma sibniex dawl gewwa imma x'hin konna qeghdin insaqsuhom* ***qalulna li huma stess li kien ghadhom sat-Tlieta filghaxija bid-dawl ghaliex kienu qeghdin jahdmu hemm gew,*** *u x'hin ghamilna l-investigazzjonijiet taghna sibna servizz fuq kien qieghed bid-dirett u kien hemm xi konnessjonijiet mis-sistemi kemm mill-Kooperattiva u kemm mill-ufficcju ghal kumpless kollu kemm hu jigifieri* ***kien connected bhala haga wahda*** *minn naha tal-Enemalta....... bhala l-kumpless kollu kien mitmuh minn zewg meters tal-Enemalta. Wiehed kien qieghed imdahhal gol-kumpless biex nghidulu li kien l-parti mill-kbir kien qieghed fin-naha t'isfel u dak kien maqtugh minn mal-linja ghax kien hemm xi kontijiet pendenti minn fuqu, u sibna meter iehor gol-ufficcju fejn kienu juzaw dan Demicoli u Piscopo, dak kien ukoll dak kien suspended mill-fuses, kien qieghed bla fuses. ...... fuq il-bejt kien hemm kamra, kien hemm wire dirett minn mal-linja, kien imqabbad bid-dirett biex niftehmu jigifieri ma kienx hemm meter u ma kien hemm xejn. X'hin tlajna fuq ahna ttestjajna minn naha taghna biex naraw nikkonfermaw li veru kien hemm id-dawl, kien hemm dawl fil-verita' ghax ghandi anki xi ritratti li juru li hemm id-dawl, u x'hin ghamilna l-investigazzjonijiet taghna sibna li bhala post kollu kemm hu kien mitmugh minn dan il-wire li kien gej minn mal-linja, kien hemm wire jaqsam minn fuq il-post u kien* ***imdahhal go din is-service box li kien hemm fuq il-bejt, u l-post kien kollu mitmugh minn go fiha ghax hu haga wahda****."*[19]

Fost id-dokumenti esebiti minn Cini jinsabu dettalji li jincidu fuq d-decizjoni ta' din il-Qorti dwar jekk ghandiex taghti kredibbilita` lill-verzjonijiet tal-imputati. Filwaqt li Demicoli u Piscopo *a tempo vergine* nfurmawhom bla tlaqliq li ma setghax kien il-kaz li l-provvista tad-dawl lejn l-ufficju taghhom kienet maqtugha peress li sa filghaxija dawl kien hemm, kuntrarjament meta wasal Mifsud u saret spezzjoni fil-parti t'isfel gestit minnu u fil-pussess esklussiv tieghu,[20] *"At first Mr. Mifsud stated that there was no electrical supply and that the building is in pitch darkness and everythinh swiched off."*. Izda mill-ispezzjoni kondotta fuq il-bejt rrizulta li *"the refrigeration motor on the roof in this small room was still warm and the pipes were dripping water due to condensation as they were still very cold. This indicates that the compressor waas on some time before inspection. The cold rooms and the freezers were still full of boxes and packets related to the fish*

[19] Fol.53-54

[20] Fol.88: *"[Piscopo u Demicoli] they still confirmed to have no access to that part of the building but only kepys of the part of their* ***office which is on the adjacent side of the building****"*. Konferma ohra li access ghall-bejt ma kienx hemm ghall-Kumitat.

*industry...the building was in use."*[21] Id-deskrizzjoni moghtija minn Cini dwar kif il-binja kellha dawl tirrizulta determinanti sabiex jigi accertat jekk Piscopo u Demicoli setghux kienu jafu b'din il-connection. *"In a small room* *on the roof* *there was a three phase cable terminated in a service box without fuses like those used by Enemalta. There was no meter installed but a three phase cable was connected direct to a distribution box, with cables and connections which indicate that* ***the whole block was being fed from this s/box****".*[22]

Dwar din l-osservazzjoni ta' Cini ma jridx jintnesa li meta kien jintefa' d-dawl, Mifsud kien jerga jaghtihom id-dawl minn barra. U galadarba il-blokka kollha kienet qed tiehu provvista minn post li ghalih ma kellhomx access, kif qatt setghu jintebhu li anke huma kienu qed jinqdew minn provvista ta' dawl li kien qed jinsteraq?

Illi fil-*prime note* tieghu Cini jaghmel din id-dikjarazzjoni "*Regarding the meter found on the other part of the building, those have interest to it Pawlu Piscopo and Joseph Demicoli.* ***The tent [recte: tenant] is Carmelo Bugeja ID 0060053M whose account number of premises is No. 101000152818*** *and the pending billing is 16945.43 Euros."*[23] Illi mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li l-account number tal-meter li kien installat fil-parti t'isfel kien 101000145837[24] u l-meter kellu n-numru 6004400.[25] Minn-naha l-ohra izda l-istima tal-Enemalta fejn qed jigi kalkolat is-serq ta' dawl attribwit lill-imputati tirrigwarda account number ghal kollox differenti **101000116027**.[26] Hija din l-istima li xprunat dawn il-proceduri hekk kif giet annessa mal-kwerela esebita.[27] L-istess stima tikkonferma li dan hu l-kont li jirrigwarda l-meter bin-numru 60011843 li anke jiffigura fir-ritratti esebiti minn Cini[28] u li Alan Chetcuti jikkonferma, fix-xhieda tieghu li l-meter tal-koperattiva sugett ta' dawn il-proceduri kien dak bin-numru 60011843.[29]

---

[21] Fol.89
[22] Ibid
[23] Ibid.
[24] Fol.229-230
[25] Fol.88
[26] Fol.10
[27] Fol.9 et seq.
[28] Fol.88 *"another three phase meter was found in the office side (meter no. 60011843) of the cooperative….".* vide wkoll fol.62 u 63
[29] Fol.134

Fuq dan il-punt daqshekk essenzjali d-difiza ma ressqet l-ebda sottomissjoni izda l-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tikkunsidrax li hawnhekk hawn diskrepanza li abbazi taghha biss timmilita kontra l-kaz tal-prosekuzzjoni. **Mhemmx dubbju li l-istima tal-ammont ta' dawl misruq annessa mal-kwerela qed tirreferi ghal account no. differenti minn dak li Cini jixhed li kien jirreferi ghall-meter numru 60011843**. B'hekk anke l-istess stima tohloq numru ta' dubbji dwar kemm din il-Qorti tista' tistrieh fuqha!

Illi **Dylan Degabriele**, clerk mal-Koperattiva tas-Sajd ta' Marsaxlokk, spjega li l-laqghat tal-kumitat isiru fil-boardroom u li huma kienu jiehdu hsieb biss il-parti ta' fuq tal-binja. *"Ahna isfel ma nistghux ninzlu ghax minn fuq l-bieb ta' fuq li hemm access isfel minnu maghluq u hemm xi hadid ghandi jkun biex ma nghaddux.* ***.... Ghal isfel u fuq il-bejt jigifieri li m'ghandnix access ghalih.".*** Xehed li l-kumitat jiltaqa' filghaxija bejn il-5pm u s-6pm *"Eh mela dawl ikun hemm hux, ifhimni meta kien jinqata d-dawl jien kont incempillu u kien jixghel id-dawl hux..... Incempel lis-Sur Angelique.....Meta kien jinqata d-dawl biex niftehmu sewwa, kont incempel lis-Sur Angelique u kien jixghel id-dawl.....".* Degabriele jghid li tenut kont li l-meter fl-ufficju maqtugh hu kien jahseb li d-dawl kien gej minn isfel[30] u dan ghaliex ***"meta kien inqatalna d-dawl kien gie Angelique Mifsud u qalli issa nghaddik fuq il-linja tieghi u ntik id-dawl jiena. ....ghalhekk meta kien jinqata d-dawl kont incempel lilu..... hu gie u qalli hux. Qalli issa ntik id-dawl naqilbu fuq tieghi qalli ha jkollok biex tahdem hux, biex nghidlek kollox.".***[31]

Din ix-xhieda ta' Degabriele tikkorrobora l-verzjoni tal-imputati fis-sens li huma ma kellhomx hjiel li d-dawl kien gej minn provvista misruqa!

L-imputati kollha ghazlu li jixhdu f'dawn il-proceduri, fejn jispjegaw li huma ma kellhom ebda hjiel li kienu qed jibbenefikaw minn dawl misruq. Jigi kkonfermat li huma ma kellhomx access ghal bejt, il-lok minn fejn kien ghaddej il-cable li kien qed jiehu provvista ta' dawl b'mod illegali. Dak li sqarrew fl-interrogatarji taghhom gie kkonfermat fl-intjier tieghu fix-xhieda minn taghhom.

---

[30] Fol.141
[31] Fol.142

Illi **Giuseppe Demicoli** xehed li hu lahaq President fl-2010 u rega′ kkonferma li Mifsud kien intrabat li jhallas id-dawl hu skond il-ftehim milhuq fl-2008. Iddeskriva kif ghalkemm il-Koperattiva baqghet indikata bhala r-registered consumer, wasslet ittra mill-ARMS Ltd. fejn fuqha kien hemm indirizz li ma kellux x′jaqsam mal-indirizz tal-Koperattiva.[32] Fil-fatt l-indirizz kien dak residenzjali ta′ Mifsud u li pprezenta ruhu mal-ARMS bhala s-segretarju tal-Kumitat tal-Koperattiva.[33] Din id-dokumentazzjoni hi esebita u tikkoroborra ghal kollox ix-xhieda ta′ Demicoli kif ukoll dak li stqarrew Demicoli u Bugeja meta gew interrogati f′ Awissu tal-2013.[34] Jirrizulta li sa minn Mejju, 2012[35] - u cioe` xahar qabel l-ispezzjoni saret kwerela lil Pulizija fejn gew mitluba jipprocedu fil-konfront ta′ Angelic Mifsud ghal falsifikazzjoni u frodi, u dan meta saru jafu bl-agir illegali tieghu wara li rcevew l-kommunikazzjoni tal-ARMS Ltd.:*"Minn hemm sirna nafu"*.[36] Fil-fatt jidher li l-kommunikazzjoniji intbghatet fl-indirizz tal-Koperattiva peress li l-istess dokument kien jindika l-indirizz tal-Koperattiva bhala l-*"Indirizz fejn hemm l-arlogg"*.[37] Fil-mori ta′ proceduri civili istitwiti mill-Koperattiva kontra Mifsud inter alia fuq kontijiet ta′ dawl li baqa′ ma hallasx, l-Enemalta kienet qateghet il-provvista tad-dawl izda wara ix-xhud jghid li dan rega′ inghata d-dawl.[38] Demicoli jirrakonta kif intebhu li seta′ kien hemm xi llegalita` meta l-iskrivan kien informa lil Piscopo li ghalkemm l-meter kien skonnetjat, xorta kien hemm provvista ta′ dawl. Ltaqa′ l-kumitat u ittiehed parir mill-avukat tal-koperattiva li jsir rapport lill-Pulizija; fil-fatt sar rapport l-Ghassa ta′ Birzebbugia li kien hemm suspett ta′ serq ta′ dawl.[39] Dan ir-rapport jirrizulta li sar madwar 3 gimghat wara li kienet saret il-kwerela imsemmija aktar il-fuq u li kif tixhed kwerela ohra mibghuta f′Settembru, 2013, GD4 a fol.234 il-Pulizija kienet ghada ma haditx passi fil-konfront ta′ Mifsud aktar minn 15 il-xahar wara l-ewwel kwerela, [40] tant li issa l-Kummissarju gie avzat li kienet ser tigi intavolata l'hekk imsejjha *challenge*.[41] Demicoli jishaq li

---

[32] Fol.218-219
[33] Fol.220
[34] Dok. GD1-GD2 a fol.229-231
[35] Dok. GD3 a fol.232
[36] Fol.221
[37] Fol.229 -230.
[38] Fol.224
[39] Fol.225
[40] Dok. GD3 a fol.232
[41] Fol.GD4 a fol. 234

**bhala Kumitat qatt ma setghu ikunu jafu x'kien qed jaghmel Mifsud fil-parti fejn kellu l-kompressuri li kien qed juza peress li il-bieb li jaghti ghalihom kien imbarrat bi stanga.**[42]

Illi **Pawlu Piscopo** xehed li s-suslar t'isfel kien jintuza minn Mifsud li kien dam madwar sena u nofs juza l-ufficju tal-kumitat fit-tini sular. Spjega kif bhala kumitat kienu ghamlu rapport ghand l-Ispettur Yvonne Farrugia u dan wara li ghalkemm kitbu kemm il-darba lil ARMS, baqghu bla risposta. Hekk kif ghaddew madwar sena u nofs iddecida li jerga' jitkellem mal-kumitat dwar dak li kien qed isehh ghaliex ma riedx li jehel il-kumitat. L-isforzi tal-Kumitat ma kienux leggeri *"morna ghand il-Pulizija, il-Pulizija ma taw kaz ghaddew xi sena u nofs. Fil-fatt konna ghamilna challenge lil Spettur Yvonne Farrugia ghaliex ma haditx passi. Bqajna nissuspettaw fuqha din l-istorja, ergajna morna ghand l-Avukati taghna. Ghidnilhom isma' jekk jinqala xi haga zgur li se nigu responsabbli ahna bil-htija. Morna ghand Spettura Carol Fabri l-ispettur ta' Birzebugia u ghamilna rapport."*.[43]

Illi fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi pocesswali jibda bigi sottolinejat li, kif tixhed il-kwerela nnifisha, l-perjodu li fih qed jigi allegat li sehh is-serq huwa dak bejn id-29 ta' Novembru, 2012 u l-5 ta' Gunju, 2013.[44] F'dak il-perjodu kienu biss Demicoli u Piscopo li kellhom kariga fil-Kumitat tal-Koperattiva tas-Sajd u ghaldaqstant l-unici li setghu jigu akkuzati bir-reponsabbilta` vikarja taghhom. Fil-fatt Bugeja ma baqa' jokkupa l-ebda kariga wara l-2011, meta spicca minn tezorier.[45] Kienu biss Demicoli u Piscopo, li okkupaw il-kariga ta' President u Segretarju rispettivament bejn l-2012 u 2013, u cioe` fil-perjodu inkriminat u deskritt fil-kwerela tal-Enemalta.[46]

Dawn ic-cirkostanzi jezimu kompletament lill-imputat Bugeja minn kull htija. Jibqa' ghalhekk biex jigi determinat jekk tistax tinstab htija fl-imputati l-ohra.

Illi l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpreatzzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

---

42 Fol.226
43 Fol.241
44 Fol.9
45 Dok. CF2 a fol.148; 154 et seq
46 Dok. CF2 a fol.144-147

Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:

Issa mill-provi migbura u a skans ta' ripettizzjoni tad-diversi osservazzjonijiet li l-Qorti gja kellha okkazzjoni taghmel aktar il-fuq, ma jirrizulta minn imkien li l-imputati Demicoli u Piscopo kienu konsapevoli tas-serq ta' dawl. Ix-xhieda ta' Degabriele wahedha hi bizzejjed biex ixxejjen kull allegazzjoni li dawn kienu jafu b'dak li kien qed issir minn Mifsud fuq parti tal-binja – il-bejt- fejn huma gew michiuda l-access: ***"meta kien inqatalna d-dawl kien gie Angelique Mifsud u qalli issa nghaddik fuq il-linja tieghi u ntik id-dawl jiena. ....ghalhekk meta kien jinqata d-dawl kont incempel lilu..... hu gie u qalli hux. Qalli issa ntik id-dawl naqilbu fuq tieghi qalli ha jkollok biex tahdem hux, biex nghidlek kollox.".***[47]

Id-diversi kwereli fejn kellhom anke jirrikorru biex 'jheddu' li ser jigu istitwiti proceduri ai termini tal-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija, altru` li jissodisfaw il-prova li dawn uzaw dik id-diligenza li jirreferi ghaliha l-artikolu 13 tal-Att. Tant hu hekk li wara li baqghu bla risposta u azzjoni minn naha tal-Iskwadra kontra l-frodi ma ttiehdietx, irrikorrew l-ghassa ta' B'Bugia fejn indikaw is-suspetti taghhom li fil-binja tal-Koperattiva kien qed isir serq ta' kurrent elettriku minn Mifsud. U min kien ser jaghmel rapport li seta' jwassal biex jinkrimina lilu nnifsu? Minn imkien ma rrizulta li ghamlu dan sabiex ibghedu xi suspett minn fuqhom nfushom li huma kienu kompartecipi fis-serq anzi l-provi juru l-kuntrarju!

[47] Fol.142, xhieda Degabriele

Illi lanqas ma jista jintnesa li fid-data tal-ispezzjoni l-meter indikat bhala dak li kien fis-sular ta' fuq kien abbinat ma account number differenti minn dak li dwaru saret l-istima u l-konsegwenti kwerela.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti mhux qed issib lill-imputati hatja fuq nuqqas ta' provi, u konsegwentement tilliberahom minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**